



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 80/24

Il-Lussemburgu, 7 ta' Mejju 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-115/22 | NADA et

### Il-Kummissjoni tal-Arbitraġġ Awstrijaka kompetenti fil-qasam tal-ġlieda kontra d-doping ma għandhiex is-setgħa li tressaq talbiet lill-Qorti tal-Ġustizzja

*Il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni numru ta' kriterji biex tevalwa n-natura ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, fosthom ir-rekwiżit ta' indipendenza li ma huwiex issodisfatt minn dan l-organu*

Fl-Awstrija, atleta professjonali ġiet irrikonoxxuta ħatja ta' ksur tar-regoli antidoping u b'hekk ġew imposti fuqha sanzjonijiet. B'hekk, ġew annullati r-riżultati kollha li kisbet b'kompetizzjoni mill-10 ta' Mejju 2015. Barra minn hekk, ġew irtirati mingħandha t-titoli, il-midalji, il-premjijiet, il-miżati ta' dħul u l-premji fi flus kollha miksuba wara din id-data, u ġiet sospiżta minn kull tip ta' kompetizzjoni sportiva għal perijodu ta' erba' snin mill-31 ta' Mejju 2021.

L-atleta talbet lill-Kummissjoni Indipendenti ta' Arbitraġġ fl-Awstrija (USK) li isimha, il-ksur imwettaq minnha, u s-sanzjonijiet imposti fuqha ma jgħux ippubblikati. L-USK staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' tali publikazzjoni, stabbilita mid-dritt Awstrijakk, mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) <sup>1</sup>.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara t-talba għal deċiżjoni preliminari tal-USK inammissibbli.

Hija tfakkar il-fatt li l-organu tar-rinviju – l-USK f'dan il-każ – għandu jkun jista' jiġi kkwalifikat bħal "qorti jew tribunal" fis-sens tad-dritt tal-Unjoni sabiex ikollu s-setgħa li jagħmel domandi lilha. Issa, **l-USK ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' indipendenza. Fil-fatt, il-membri tal-USK jistgħu jitneħħew mill-Ministru Federali tal-Arti, tal-Kultura, tas-Servizz Pubbliku u tal-Ispport b'mod antiċipat "għal raġunijiet serji", mingħajr ma dan il-kunċett huwa ddefinit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni tappartjeni esklużivament lil dan il-Ministru, jiġifieri membru tal-eżekuttiv, mingħajr ma ġew stabbiliti kriterji preċiżi u lanqas garanziji preċiżi minn qabel. B'hekk, ma teżisti ebda garanzija li l-membri tal-USK huma protetti minn pressjonijiet esterni, li jistgħu jwasslu għal dubju dwar l-indipendenza tagħhom.**

Madankollu, **din i-ċirkustanza b'ebda mod ma teħles lill-USK mill-obbligu li tiżgura l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-attività tagħha.** Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva wkoll li l-atleta adixxiet ukoll lill-Qorti Amministrattiva Federali Awstrijaka biex tikseb il-protezzjoni tad-data personali tagħha. Din tal-aħħar issospendiet it-tilwima pendenti quddiemha sakemm tingħata risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.  
It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza  
Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.  
Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> [Regolament \(UE\) 2016/679](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).